QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 14 TA' DICEMBRU 2001

Avviz Nru:- 43/00DM

Gaetano, Alfred, Carmelo, Grezzju, Raymond, Emmanuel, Silvio u Emmanuela mart John Cuschieri, ilkoll ahwa Falzon flimkien ma' ommhom Guditta Falzon

vs

George u Jessie konjugi Sammut

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jizgombraw mill-forn formanti parti minn korp bini akbar imsemmi "Saint George",
Triq A Cuschieri, Birkirkara, u dana peress li ma ghandhom l-ebda titolu validu fil-ligi fuq l-istess forn.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-15 ta' Ottubru 1999, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju ma jeccedix is-somma ta' elf lira (Lm1000) fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1 L-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante t-titolu validu ta' kera;
2 L-konvenuti huma l-kerreja tal-fond bil-forn bl-isem "San Gorg", Triq A. Camilleri, Birkirkara;
3 L-kera taghhom hija valida fil-ligi, kif ser jigi pruvat tul is-smiegh tal-kawza u ghaldaqstant huma qeghdin jokkupaw il-fond in kwistjoni b'titolu validu fil-ligi u ma jistghux jigu sgumbrati mill-istess;
4 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
5 Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom;
6 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-atturi pprezentata fil-15 ta' Gunju 2001

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi biex jikkontestaw it-talba attrici l-konvenuti qed jallegaw illi huma ghandhom titolu validu ta' kera ghall-forn in kwistjoni u in sostenn ta' din l-allegazzjoni xehed il-konvenut George Sammut fis-seduta tal-15 ta' Frar 2001.

Fid-deposizzjoni tieghu l-konvenut George Sammut allega illi wara l-iskadenza tal-enfitewsi temporanja li kienet ghalqet fit-13 ta' Marzu 1990 l-attrici Guditta Sammut kienet ikkonceditlu l-fond in lokazzjoni billi irdoppjat ic-cens li kien qieghed jithallas u accettat l-ammont rizultanti bhala hlas ta' kera.

L-istess konvenut ipprezenta kopja fotostatika ta' din l-ircevuta tat-8 ta' Mejju 1990 fejn effettivament jirrizulta illi Guditta Falzon kienet irceviet is-somma ta' Lm137 (mija seba u tletin liri Maltin) ghall-tlett xhur kera bil-quddiem b'effett minn l-1 ta' Mejju 1990 relattiv ghal fond in kwistjoni.

Inoltre minghajr ma gie specifikatti terminu ghal din il-lokazzjoni gie stipulat li din il-kirja kienet qieghda ssir taht l-istess kondizzjonijiet tal-koncessjoni subenfitewtika tal-14 ta' Marzu 1973 u anke skond l-att 13 tal-1979.

Min-naha taghhom l-atturi permezz tad-deposizzjoni ta' Gaetano Falzon, ma jikkuntestaw l-ebda wahda minn dawn il-fatti u cirkostanzi izda jikkontendu illi Guditta Falzon ghalkemm kellha kull dritt u awtorita' illi bhala usufrutwarja tikkoncedi l-fond in lokazzjoni kienet ikkoncediet din il-lokazzjoni taht l-impressjoni zbaljata illi fi kwalunkwe kaz il-konvenut kellu dritt bil-ligi biex, fit-terminazzjoni tal-enfitewsi, jibqa fil-pussess tal-fond b'kuntratt ta' lokazzjoni.

Din il-kontestazzjoni pero', xorta wahda ma tbiddilx il-fatt principali rizultanti mill-provi prodotti illi illum l-konvenuti qeghdin fil-pussess tal-fond taht titolu ta' kera rizultanti mill-ricevuta/ftehim (Dok C a fol 18) datat 8 ta' Mejju 1990 u ghalhekk din il-Qorti mhiex kompetenti illi tiehu konjizzjoni ta' kwalunkwe kontestazzjoni li tirrigwarda il-validita o meno ta' din il-lokazzjoni jew it-terminazzjoni taghha.

Ghaldaqstant qieghda tilqa l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u tiddikjara ruhha inkompetenti *rationae materiae* li tiehu konjezzjoni tat-talba tal-atturi u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Magt Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg
Civ21